



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 4 ta' Ottubru 2022
(OR. en)

12935/22

ECOFIN 925
ENV 931
CLIMA 473
FIN 980

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	4 ta' Ottubru 2022
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 12478/22	
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-finanzjament għall-klima bil-ħsieb tas-27 Konferenza tal-Partijiet (COP 27) tal-UNFCCC f'Sharm El-Sheikh fis-6-18 ta' Novembru 2022 – Konklużjonijiet tal-Kunsill (4 ta' Ottubru 2022)

Id-delegazzjonijiet ser isibu fl-Anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-finanzjament għall-klima kif approvati mill-Kunsill (ECOFIN) fit-3898 laqgħa tiegħu li saret fl-4 ta' Ottubru 2022.

KONKLUŻJONIJIET TAL-KUNSILL

DWAR IL-FINANZJAMENT GĦALL-KLIMA

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

1. ITENNI l-impenn qawwi tal-Unjoni Ewropea u tal-Istati Membri tagħha li jkunu ta' eżempju billi jikkontribwixxu b'mod ambizzjuż għall-implimentazzjoni tal-għanijiet kollha tal-Ftehim ta' Pariġi u jimplimentaw il-Patt Klimatiku ta' Glasgow. JISSOTTOLINJA li l-Patt Ekoloġiku Ewropew tal-UE jikkostitwixxi qafas ċar u komprensiv biex jikkontribwixxi għal dawn l-oġġettivi, f'konformità mal-Ftehim ta' Pariġi u jillimita ż-żieda fit-temperatura għal 1.5 °C, sostnut minn sett wiesa' ta' politiki biex jiġu indirizzati t-tibdil fil-klima u d-degradazzjoni ambjentali, Pjan ta' Investiment għal Ewropa Sostenibbli ddedikat, u riżorsi finanzjarji. Dawn jinkludu l-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2021-2027 tal-UE, inkluż strumenti ta' politika esterna, u l-istrument temporanju għall-irkupru, NextGenerationEU (NGEU), li jridu jallokaw mill-inqas 30 % tal-baġit tal-UE u n-nefqa tal-NGEU biex jappoġġaw l-oġġettivi klimatiċi, biex kollha jwittu t-triq lejn l-oġġettivi minqax fil-Liġi Ewropea dwar il-Klima u l-pakkett "Lesti għall-mira ta' 55 %", biex tintlaħaq in-newtralità klimatika fl-Unjoni sa mhux aktar tard mill-2050, u jitnaqqsu l-emissjonijiet netti ta' gassijiet serra, b'mill-inqas 55 % sal-2030, mill-livelli tal-1990.
2. IFAKKAR li wara l-aggressjoni militari tar-Russja kontra l-Ukrajna, il-Kummissjoni, fuq talba tal-Kunsill Ewropew tal-24 u l-25 ta' Marzu 2022, ippreżentat pjan REPowerEU biex twieġeb għall-ħtieġa li titnaqqas malajr id-dipendenza tal-Unjoni Ewropea fuq il-fjuwils fossili Russi, biex titħaffef it-tranżizzjoni tal-enerġija ekoloġika fl-UE, u biex tappoġġa l-isforzi tal-UE fit-tisħiħ tal-ambizzjonijiet klimatiċi tagħha.

3. IFAKKAR fl-urġenza espressa fis-sejbiet tar-rapporti tal-2022 tal-Grupp Intergovernattiv ta' Esperti dwar it-Tibdil fil-Klima (IPCC). JENFASIZZA l-ħtieġa li tiżdied l-ambizzjoni u titħaffef l-azzjoni f'konformità mal-Ftehim ta' Pariġi u l-għanijiet fit-tul tiegħu u f'dan il-kuntest, IFAKKAR li l-Artikolu 2 tal-Ftehim ta' Pariġi jfittex li jsaħħaħ ir-rispons globali għat-theddida tat-tibdil fil-klima, inkluż billi l-flussi finanzjarji jsiru konsistenti ma' perkors lejn emissjonijiet baxxi ta' gassijiet serra u żvilupp reżiljenti għat-tibdil fil-klima. JENFASIZZA li biex il-flussi finanzjarji jsiru konsistenti ma' dan il-perkors jeħtieġ sforz globali. JISSOTTOLINJA l-urġenza li jiżdiedu l-isforzi f'dan ir-rigward u l-ħtieġa li l-gvernijiet kollha jstabbilixxu oqfsa regolatorji u ta' politika u jipprovdu inċentivi xierqa biex jattiraw l-investimenti pubbliċi u privati meħtieġa biex jiġu indirizzati l-isfidi relatati mat-tibdil fil-klima li jiffaċċjaw il-pajjiżi kollha. JINNOTA li f'dawn l-aħħar snin, ġew stabbiliti għadd dejjem jikber ta' inizjattivi internazzjonali biex jimmobilizzaw is-setturi finanzjarji u privati biex jindirizzaw l-isfida tal-klima. IĦEĠĠEĠ lill-Partijiet kollha għall-Ftehim ta' Pariġi biex itejbu r-rappurtar trasparenti u robust dwar il-finanzjament privat mobilizzat għall-azzjoni dwar il-klima. JAPPELLA lill-atturi privati biex jallinjaw il-flussi finanzjarji tagħhom mal-għanijiet tal-Ftehim ta' Pariġi. JINNOTA bi tħassib l-iskala ta' finanzjament privat li bħalissa għadha tappoġġa attivitajiet mhux allinjati ma' Pariġi speċjalment fis-settur tal-fjuwils fossili, u l-inċentivi dannużi li għadhom fis-seħħ. IFAKKAR fid-deċiżjoni maqbula fi Glasgow biex jiġu aċċellerati l-isforzi lejn it-tnaqqis gradwali tal-enerġija mill-faħam mingħajr qbid u ħżin tad-diossidu tal-karbonju u l-eliminazzjoni gradwali ta' sussidji ineffiċjenti għall-fjuwils fossili.
4. JIRRIKONOXXI l-urġenza li jinħoloq spazju ddedikat biex jiġi diskuss l-Artikolu 2.1(c) tal-Ftehim ta' Pariġi fil-COP 27 f'Sharm-el-Sheikh biex il-Partijiet, is-settur privat u partijiet ikkonċernati oħra jkun jistgħu jiddiskutu l-fehim tagħhom tal-għan u kif dan jista' jinkiseb, sabiex il-pajjiżi jkun jistgħu jwettqu l-għanijiet tagħhom ta' mitigazzjoni u adattament għat-tibdil fil-klima u Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli oħra.

5. JENFASIZZA l-importanza u l-progress tal-inizjattivi tal-UE dwar il-Finanzi Sostenibbli u dwar l-integrazzjoni tal-klima fil-baġit tal-UE. JILQA' B'SODISFAZZJON il-proposti rilevanti mressqa fl-Istrateġija tal-Kummissjoni Ewropea għall-Finanzjament tat-Tranżizzjoni lejn Ekonomija Sostenibbli, li għandhom l-għan li jagħmlu l-flussi finanzjarji konsistenti mal-għanijiet tal-Ftehim ta' Pariġi, u l-ħidma tal-G20 u tal-Bord għall-Istabbiltà Finanzjarja f'dan ir-rigward. JISSOTTOLINJA l-użu tal-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti" fit-tisħiħ tas-sostenibbiltà tal-finanzi. JENFASIZZA l-importanza tal-istabbiltà tas-sistema finanzjarja globali u r-reżiljenza tagħha għall-klima u għalhekk JENFASIZZA l-importanza tat-trasparenza dwar l-aspetti ta' sostenibbiltà tal-finanzjament, u l-mitigazzjoni ta' riskji relatati mal-klima fis-sistema finanzjarja.
6. JISSOTTOLINJA l-inizjattivi tal-UE għall-promozzjoni internazzjonali ta' finanzzi sostenibbli, u JILQA' l-ħidma tal-Bord tal-Istandards ta' Sostenibbiltà Internazzjonali biex tiġi żviluppata linja bażi globali ta' divulgazzjonijiet dwar is-sostenibbiltà, mingħajr ma tiġi limitata l-ambizzjoni ta' approċċi reġjonali jew nazzjonali. JISSOTTOLINJA wkoll l-importanza tal-ħidma li għaddejja tas-sħab fil-Pjattaforma Internazzjonali dwar il-Finanzi Sostenibbli.
7. JILQA' B'SODISFAZZJON l-għadd dejjem jikber ta' oqfsa u strumenti finanzjarji sostenibbli domestiċi u reġjonali bħala pass meħtieġ biex il-kapital privat u filantropiku jiġi dirett lejn fejn huwa l-aktar meħtieġ biex jiġi implimentat il-Ftehim ta' Pariġi. JIRRIKONOXXI l-isfida persistenti għall-pajjiżi sħab biex jimmobilizzaw finanzjament sostenibbli fuq skala adegwata u spejjeż affordabbli. F'dak ir-rigward, JENFASIZZA l-isforzi kontinwi u li qed jiżdiedu tal-UE u tal-Istati Membri biex jipprovdu assistenza teknika fuq bażi bilaterali u reġjonali biex jiġu żviluppati oqfsa ta' finanzjament sostenibbli kredibbli u xierqa u biex jiżdiedu l-istrumenti finanzjarji relatati mas-sostenibbiltà. JILQA' B'SODISFAZZJON il-Grupp ta' Esperti ta' Livell Għoli li twaqqaf reċentement dwar iż-żieda fil-finanzjament sostenibbli f'pajjiżi b'introjt baxx u medju biex jidentifika l-finanzjament privat għall-implimentazzjoni tad-dimensjoni esterna tal-Patt Ekoloġiku u rkupru ekoloġiku, ġust u reżiljenti fil-pajjiżi sħab.

8. JENFASIZZA l-importanza ta' kooperazzjoni akbar ma' pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali. F'dan il-kuntest, JILQA' d-dikjarazzjoni tal-G7 li tħabbar l-għan li jiġi stabbilit Klabb Klimatiku, bħala forum intergovernattiv ta' ambizzjoni għolja biex tiġi appoġġata l-implimentazzjoni effettiva tal-Ftehim ta' Pariġi billi titthaffef l-azzjoni klimatika, tiżdied l-ambizzjoni biex jitnaqqsu l-emissjonijiet, u tiġi promossa tranżizzjoni ġusta tal-enerġija. JISSOTTOLINJA l-ħidma li għaddejja fl-UE biex jiġi implimentat tnaqqis ambizzjuż tal-emissjonijiet, inkluż permezz tas-Sistema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet u l-introduzzjoni ta' Mekkaniżmu ta' Aġġustament tal-Karbonju fil-Fruntieri biex tiġi indirizzata r-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju u JENFASIZZA li l-ipprezzar tal-karbonju u l-eliminazzjoni gradwali tas-sussidji għall-fjuwils fossili li jagħmlu ħsara lill-ambjent huma komponenti ewlenin ta' ambjent abilitanti biex il-flussi finanzjarji jiġu diretti lejn investimenti newtrali għall-klima, reżiljenti għat-tibdil fil-klima u sostenibbli.
9. JIRRIKONOXXI l-importanza tal-integrazzjoni tal-kunsiderazzjonijiet dwar il-klima fil-politika ekonomika. B'hekk JILQA' B'SODISFAZZJON l-impenn u s-sħubija dejjem akbar tal-Koalizzjoni tal-Ministri għall-Finanzi għall-Azzjoni Klimatika u JTENNI r-rwol importanti tal-Koalizzjoni u l-prinċipji tagħha ta' Helsinki.
10. IĠEDDED l-impenn qawwi li hađu l-UE u l-Istati Membri tagħha biex iwettqu l-għan kollettiv ta' mobilizzazzjoni tal-finanzjament għall-klima ta' USD 100 biljun fis-sena malajr kemm jista' jkun u sal-2025 minn varjetà wiesgħa ta' sorsi, u JISTENNA li l-għan jintlaħaq fl-2023. JAFFERMA MILL-ĠDID id-determinazzjoni tal-UE u tal-Istati Membri tagħha li jkomplu jaħdmu ma' Partijiet oħra ta' pajjiżi żviluppati biex jimplimentaw malajr il-*Pjan ta' Implimentazzjoni tal-Finanzjament għall-Klima: Nilħqu l-Għan ta' US \$100 Biljun* ippreżentat qabel il-COP 26. IFAKKAR li l-UE u l-Istati Membri tagħha huma l-akbar kontributur għall-finanzjament pubbliku internazzjonali għall-klima, u aktar minn irdoppjaw il-kontribuzzjoni tagħhom għall-finanzjament għall-klima biex jappoġġaw lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw mill-2013. JAPPELLA lid-donaturi l-oħra biex iżidu l-isforzi tagħhom f'dan ir-rigward f'konformità wkoll mal-Pjan ta' Implimentazzjoni tal-Finanzjament għall-Klima tal-COP26 u JISTENNA B'INTERESS ir-Rapport dwar il-progress fl-10 oqsma ta' azzjoni kollettiva tal-*Pjan ta' Implimentazzjoni* qabel il-COP27.

11. JIRRIKONOXXI t-talba tal-Patt Klimatiku ta' Glasgow biex il-Partijiet tal-pajjiżi żviluppatti tal-anqas jirdoppjaw, sal-2025, il-provvista kollettiva tagħhom ta' finanzjament għall-klima għall-adattament għall-pajjiżi li qed jiżviluppaw meta mqabbla mal-2019, fil-kuntest tal-kisba ta' bilanċ bejn il-mitigazzjoni u l-adattament fil-forniment ta' riżorsi finanzjarji miżjuda. JISTENNA B'INTERESS li jikkoopera ma' Partijiet oħra biex iwieġbu għal din is-sejħa, filwaqt li jkompli jpoġġi fokus speċifiku fuq il-popolazzjonijiet l-aktar vulnerabbli fil-pajjiżi u l-komunitajiet, b'mod partikolari fil-Pajjiżi l-Anqas Żviluppatti, u l-Istati Gzejjier Żgħar li qed Jiżviluppaw. JAFFERMA MILL-ĠDID ir-rieda tal-UE u tal-Istati Membri tagħha li jimpenjaw ruħhom b'mod kostruttiv fl-indirizzar tal-ostakli u r-restrizzjonijiet li jillimitaw l-aċċess għall-finanzjament ta' adattament u JINKORAĠĠIXXI lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw biex ikompli jsaħħu l-impenn tagħhom f'dan l-isforz konġunt. F'dan il-kuntest, JILQA' B'SODISFAZZJON inizjattivi bħall-Grupp ta' Promoturi għall-Finanzjament għall-Adattament, li huma impenjati li jżidu l-livell, l-aċċessibbiltà u l-effettività tal-finanzjament għall-adattament.
12. JENFASIZZA l-importanza li l-azzjoni klimatika tiġi integrata fl-oqfsa usa' tal-ippjanar tal-iżvilupp u tal-finanzjament nazzjonali tal-pajjiżi riċevituri, b'appoġġ għall-kisba ta' miri nazzjonali speċifiċi relatati mal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli. F'dak il-kuntest, JENFASIZZA l-importanza tal-integrazzjoni ta' kwistjonijiet ta' ugwaljanza bejn il-ġeneri. IFAKKAR li l-kontributi stabbiliti fil-livell nazzjonali (NDCs), l-Istrateġiji fit-Tul u l-Pjanijiet ta' Adattament Nazzjonali huma kruċjali għall-kisba tal-għanijiet tal-Ftehim ta' Pariġi, filwaqt li jiżguraw it-trasparenza fl-implimentazzjoni, il-monitoraġġ regolari, u l-valutazzjoni kontinwa tal-effettività tal-fondi pprovduti.
13. JILQA' B'SODISFAZZJON id-deliberazzjonijiet dwar l-Għan Kollettiv Ġdid Kwantifikat dwar il-Finanzjament għall-Klima, li qed isir sal-2024, u JAFFERMA MILL-ĠDID l-impenn kostruttiv kontinwu tal-UE f'dawn id-deliberazzjonijiet u l-impenn tagħha li tippromwovi l-inklużività. JISSOTTOLINJA l-ħtieġa għal approċċ wiesa' u trasformattiv fit-tfassil ta' dan l-għan il-ġdid biex jiġi żgurat li l-flussi finanzjarji kollha jsiru konsistenti mal-għanijiet fit-tul tal-Ftehim ta' Pariġi, u għalhekk, jikkontribwixxu b'mod effettiv għall-mitigazzjoni u l-adattament, b'kont meħud tal-ħtiġijiet u l-prijoritajiet tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw. JENFASIZZA wkoll il-ħtieġa li jinsiltu tagħlimiet mill-implimentazzjoni tal-għan kollettiv ta' mobilizzazzjoni tal-finanzjament għall-klima ta' USD 100 biljun fis-sena.

14. JISSOTTOLINJA l-ħtieġa li jissaħħu l-azzjoni, l-appoġġ u l-koordinazzjoni globali biex jiġu evitati, minimizzati u indirizzati t-telf u l-ħsara assoċjati mal-impatti negattivi tat-tibdil fil-klima. JILQA' B'SODISFAZZJON, f'dan il-kuntest, it-tnedija tad-Djalogu ta' Glasgow, fejn jiġu diskussi l-arranġamenti għall-finanzjament ta' attivitajiet biex jiġu evitati, minimizzati u indirizzati t-telf u l-ħsara. JISSOTTOLINJA l-ħtieġa li tiġi integrata aktar perspettiva ta' riskju klimatiku fil-proċessi ta' ppjanar nazzjonali u l-kooperazzjoni internazzjonali. JILQA' B'SODISFAZZJON l-inizjattivi internazzjonali mfassla biex jipproteġu aħjar lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw mill-effetti negattivi tat-tibdil fil-klima, inkluż billi jimmobilizzaw għodod innovattivi u sorsi ta' finanzjament, bħall-inizjattiva tal-G7 tat-Tarka Globali kontra r-Riskji Klimatiċi li għandha l-għan li ssaħħa l-istruttura globali tal-finanzjament tar-riskju u tal-assigurazzjoni tal-klima u tad-diżastri biex issir aktar koerenti, sistematika u sostnuta. JAPPOĠĠA l-oġettiv tal-integrazzjoni tar-"rispons għall-impatt negattiv tat-tibdil fil-klima" fit-tfassil u t-twassil tal-ġajjnuna umanitarja u għall-iżvilupp, peress li dan jista' jkun essenzjali għall-bini u t-tisħiħ tar-reżiljenza tal-komunitajiet vulnerabbli.

15. IFAKKAR li l-Istituzzjonijiet Finanzjarji Internazzjonali (IFIs), inkluż il-Banek Multilaterali tal-Iżvilupp (MDBs) u Istituzzjonijiet tal-Finanzi għall-Iżvilupp (DFIs) oħra għandhom rwol essenzjali fil-mobilizzazzjoni tal-finanzjament fuq skala adegwata biex tiżdied b'mod sinifikanti l-azzjoni klimatika, u l-investment privat u pubbliku b'impatt għoli biex jintlaħqu l-għanijiet klimatiċi u għandhom rwol ewlieni fl-istabbiliment ta' standards ambizzjużi għas-settur usa'. JAPPELLA lil dawk l-MDBs li joffru finanzjament ibbażat fuq il-politika biex jiżdied l-użu ta' dan l-approċċ sabiex jitrawmu politika ambizzjuża dwar il-klima u riformi regulatorji kif ukoll kondizzjonijiet għal qafas politiku trasformattiv. JILQA' B'SODISFAZZJON l-impenn tal-Grupp ta' Ħidma Konġunt tal-MDB dwar il-Ftehim ta' Pariġi u d-Dikjarazzjoni Konġunta dwar il-Klima ppreżentata fil-COP26, fejn l-MDBs jimpenjaw ruħhom li jkomplu jappoġġaw it-twettiq tal-NDCs fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw, filwaqt li jallinjaw b'mod aktar wiesa' l-flussi ta' finanzjament tagħhom mal-Ftehim ta' Pariġi, u jipprovdu appoġġ għall-iżvilupp ta' Strateġiji fit-Tul ambizzjużi u tranżizzjonijiet ġusti. JILQA' B'SODISFAZZJON f'dan il-kuntest, it-tmexxija ta' diversi MDBs murija fl-istrateġiji u l-pjanijiet tagħhom dwar il-klima. JISTIEDEN lill-MDBs u DFIs oħra jkomplu bl-isforzi tagħhom biex iżidu, jipprovdu u jimmobilizzaw il-finanzjament għall-adattament. JAPPELLA lil dawk l-MDBs, DFIs oħra u Aġenziji ta' Kreditu għall-Esportazzjoni li għadhom ma għamlux dan, biex jadottaw u jimplimentaw strateġiji ta' allinjament mal-Ftehim ta' Pariġi qabel il-COP27, inkluż fir-rigward ta' intermedjarji finanzjarji u kontropartijiet oħra biex jistabbilixxu kif kollettivament qed jippjanaw li jirrapportaw dwar l-allinjament tal-portafolli tagħhom sal-COP27. ITENNI l-Konklużżjonijiet tal-Kunsill dwar il-kreditu għall-esportazzjoni li jħabbru li l-Istati Membri ser jiddeterminaw sa tmiem l-2023 l-iskadenzi tagħhom ibbażati fuq ix-xjenza għat-tmiem tal-appoġġ għall-kreditu għall-esportazzjoni għal proġetti fis-settur tal-enerġija mill-fjuwils fossili, sakemm mhux f'ċirkostanzi limitati u definiti b'mod ċar li huma konsistenti ma' limitu ta' tisħin ta' 1.5 °C u l-għanijiet tal-Ftehim ta' Pariġi. JISTIEDEN, f'dan ir-rigward, lill-MDBs, DFIs oħra u aġenziji ta' kreditu għall-esportazzjoni biex jeliminaw gradwalment il-finanzjament ta' proġetti fis-settur tal-enerġija mill-fjuwils fossili mill-aktar fis possibbli, sakemm ma jkunux f'ċirkostanzi limitati u definiti b'mod ċar li huma konsistenti ma' limitu ta' tisħin ta' 1.5 °C u l-għanijiet tal-Ftehim ta' Pariġi. JISTIEDEN lill-IFIs jistabbilixxu pjanijiet konkreti biex jimmobilizzaw aktar finanzjament għall-klima inkluż mis-settur privat, biex jiżdiedu l-investimenti kemm fl-azzjoni ta' mitigazzjoni kif ukoll f'dik ta' adattament, u b'kunsiderazzjoni u applikazzjoni xierqa tal-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti" fl-operazzjonijiet kollha ta' finanzjament.

16. JITLOB lill-Kummissjoni Ewropea biex ttiprovdi ħarsa ġenerali tal-flussi ta' finanzjament internazzjonali għall-klima mill-UE, inkluż mill-Bank Ewropew tal-Investiment, u mill-Istati Membri tagħha għall-2021 u lill-Kunsill biex japprova dan il-kontribut qabel il-COP27 tal-UNFCCC.
-